MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 636/2014

**Portelli Francesco pro et noe**

**vs**

**Anthony Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi tas-27 ta' April 2015;

Rat ir-Risposta tal-Awtorita' tad-Djar tas-27 ta' Mejju 2015;

Rat ir-Risposta tal-Intimat Anthony Degiorgio tal-10 ta' Lulju 2015;

**Ikkonsidrat** li permezz tar-rikors odjern, l-atturi qed jitolbu korrezzjoni fir-rikors promotur, kemm fit-13-il premessa kif ukoll fir-raba' talba taghhom sabiex effettivament izidu talba ghad-danni rizultanti ta' hsarat li saru fil-fond anke bl-uzu tal-istess fond;

Illi r-rikors odjern qed isir abbazi tal-**artiklu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li taghti lill-Qorti d-diskrezzjoni sabiex*" f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, tordna l-korrezzjoni ta' att billi tippermetti s-sostituzzjoni jew tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża."***(art 175(1)).**

**Ikkonsidrat** li bl-azzjoni odjerna ir-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament tal-intimat Anthony Degiorgio mill-fond in mertu *stante* li qed jokkupah minghajr titlu kif ukoll il-likwidazzjoni, previa dikjarazzjoni ta' responsabbilita` tal-intimati jew min minnhom, ghall-hlas tad-danni. Fil-premessi u fit-talbiet, id-danni mitluba jirreferu ghall-fatt li ma setghux jaccedu ghall-fond u fit-tieni lok, f'telf ta' dhul minn kiri tal-istess fond u ghal rimunerazzjoni ghall-okkupazzjoni illecita.

Illi l-atturi effettivament qed jitolbu li jzidu raguni ohra ghat-talba taghhom ghad-danni, naxxenti mill-istat allegatament hazin tal-fond. Jghidu li ma

kienux f'posizzjoni li jaccedu ghall-fond qabel ma inghataw ic-cwievet fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Illi da parti taghhom l-intimati ghamlu riferenza ghall-istat tal-fond fl-eccezzjonijiet taghhom.

Illi l-Awtorita` eccepiet li kien il-prassi li fond fi stat perikolanti jigi rekwizizzjonat (il-hames eccezzjoni) u li l-fond kien malandat qabel ma dahal fih Anthony Degiorgio (is-sitt eccezzjoni). Anthony Degiorgio da parti tieghu, eccepixxa li ma kkawza l-ebda danni lill-atturi (it-tielet eccezzjoni).

Madanakollu ma hemmx dubbju li t-talbiet qed jitwessghu b'zieda ta' kawzali u talba ulterjuri (danni naxxenti minn hsarat fil-fond innifsu) li ma kienux previsti u lanqas jirrizultaw mir-rikors promotur u wisq inqas mill-intimati.Il-*causa petendi* tat-talba il-gdida hija differenti u titlob provi differenti.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hi tal-fehma li kemm l-azzjoni odjerna kif wkoll l-eccezzjonijiet ser jinbidlu fis-sustanza taghhom f'kaz li t-talba tigi akkolta.

Ghaldaqstant il-Qorti qed **tichad it-talba.**

L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.

**Degretat.**

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------